MFSA

MALTA FINANCIAL SERVICES AUTHORITY

***Stqarrija għall-Istampa***

***Aġġornament għall-persuni li għandhom flus investiti fl-ARM Asset Backed Securities S.A.***

L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (l-MFSA) qed toħroġ dan l-aġġornament lil persuni li għandhom flus investiti fl-ARM Asset Back Sercurities S.A. ("ARM") wara l-istqarrija għall–istampa dwar dan is-suġġett maħruġa mil-istess Awtorità fis-17 ta' Jannar, 2014.

Għal dawn l-aħħar xhur, l-MFSA kienet f'taħditiet kontinwi mal-*Financial Services Compensation Scheme ("FSCS")* tar-Renju Unit sabiex jigi determinat jekk persuni Maltin li għandhom investimenti fi prodotti maħruġin minn ARM jistgħux jagħmlu talba kontra Catalyst Investment Group Limited ("Catalyst"). Fl-istqarrija għall-istampa maħruġa fid-9 ta' Jannar, 2014, l-MFSA ħabbret li l-FSCS kient qed tikkunsidra jekk Catalyst, kumpannija Ingliża li bħalissa tinsab għaddejja minn likwidazzjoni u li kienet tbiegħ il-prodotti tal-ARM kemm fir-Renju Unit kif ukoll f'Malta, tistax tinżamm responsabbli għat-telf li ġarrbu l-investituri fil-prodotti tal-ARM.

F'dan ir-rigward, l-Awtorità tixtieq tippreċiza li xi informazzjoni li dehret f'ċerti mezzi tal-istampa lbieraħ, 19 ta' Frar 2014 m'hix korretta. Il-pubbliku in ġenerali għandu jkun mgħarraf illi l-FSCS iddeċidiet li persuni Maltin li għandhom flushom investiti fil-prodott tal-ARM hawn fuq imsemmi (*tranches* 1 sa 11) għandhom ikunu trattati bl-istess mod ta' persuni Inglizi li huma wkoll investituri f'dan il-prodott. Madankollu, għadu mhux ċar jekk hux kull investitur ser jingħata kumpens. Kull talba għal kumpens ser tigi kkunsidrata mill-FSCS b'mod individwali u l-kumpens massimu li jista' jirċievi kull investitur individwali huwa ta' 50,000 lira Sterlina (GBP 50,000).

L-MFSA tirreferi ukoll għall-kumitat *ad hoc* li qiegħed jitwaqqaf minn BDO UK, il-likwidaturi proviżorji ta' ARM u tippreċiża li dan huwa process li huwa totalment distint u separat minn dak segwit mill-FSCS fuq imsemmi.

Waqt il-laqgħa li organizzat il-BDO UK nhar it-3 ta' Frar 2014, investituri fil-prodott tal-ARM kellhom jivvotaw biex jeleġġu l-membri ta' kumitat *ad hoc* biex jirrappreżenta lil dawn l-investituri.

Il-likwidaturi proviżorji ddeċidew li dan il-kumitat *ad hoc* għandu jkun kompost minn erba' *bondholders,* l-FSCS tar-Renju Unit u l-MFSA fuq bażi *ex officio*. L-MFSA aċċettat li tokkupa dan ir-rwol fl-interess esklussiv tal-investituri Maltin.

Ir-rwol ta' dan il-kumitat *ad hoc* ser ikun li jservi ta' rappreżentant tal-*bondholders* u li miegħu l-likwidaturi proviżorji jikkonsultaw b'mod regolari. Il-membri ta' dan il-kumitat *ad hoc* ser jirċievu informazzjoni kunfidenzjali, li ma tkunx pubblika u li jista' jkollha effett fuq il-prezz tal-investiment. Il-kumitat mhux ser ikollu poteri eżekuttivi. Għaldaqstant, jekk wara li jkunu rċivew r-reazzjonijiet

mil-kumitat *ad hoc*, il-likwidaturi proviżorji jiddeċiedu li, per eżempju, jipproponu proċess ta' ristrutturar, għandu jittieħed vot fuq tali proposta minn fost il-*bondholders* kollha.

L-MFSA tixtieq tenfasizza l-fatt li ilha taħdem fuq dan il-każ għal diversi xhur u għadha f'diskussjonijiet kontinwi kemm ma' l-FSCS, kif ukoll ma' BDO UK. L-Awtorità qed tagħmel l-almu tagħha biex iżżomm l-investituri aġġornati fuq l-iżviluppi li jseħħu f'din il-kwistjoni.

**Taqsima tal-Komunikazzjoni**
**L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta**
**20 ta' Frar 2014**
**Ref: MFSA MR 03/2014**